# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Attard)

(Spettur Elisa Scicluna)

(Spettur Jonathon Ransley)

(Spettur Wayne Camilleri)

(Supr. Priscilla Caruana Lee)

Vs

Kristina Polidano Agius

Illum 4 ta' Fra,r 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kif **formolati u sostitwiti fis-seduta tal-2 ta' Frar 2021** kontra **Kristina Polidano Agius**, ta' 40 sena, bint Paul Lino u Maria Dolores nee' Muscat imwielda n/a fl-1 ta' April tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (01.04.1979) u residenti 54, Pangea, Triq ix-Xaghra ta' Barra, Mellieha / Summer, Triq Sta' Monika Pieta detentrici tal-karta tal-identita' numru 165579 M akkuzata talli bejn it-8 ta' Marzu tas-sena 2019 u l-11 ta' Marzu tas-sena 2019 f' dawn il-Gzejjer Maltin

(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 5(2), 10(2) u 14(2) dwar il-firma tad-detentur, l-ebda' persuna barra l-ufficjal awtorizzat ma ghandha taghmel xi marka jew dhul, jew thassar, tikkancella, tibdel jew tissostitwixxi xi marka jew dhul maghmul fuqu, jew xort' ohra tisfigura jew tiddistruggi, dokumenti tal-identita' u dan bi ksur tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(d) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2021 dina l-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex it-talba tigi formolata u sostitwita u l-imputata li kienet assistita giet notifikata seduta stante bl-imputazzjonijiet kif korretti.

Rat li wara li fis-seduta tal-17 ta' April, 2023 l-Qorti kif diversament preseduta astjeniet milli tisma' l-kaz peress li fil-professjoni taghha ta' Avukat setghet tat xi parir jew espremiet xi opinjoni fuq il-partijiet fil-kaz odjern l-kawza giet assenjata mill-Prim' Imhallef lil dina l-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 20 ta' April, 2023.

Rat li wara li saru diversi seduti fejn ma treqqsu l-ebda' provi mill-prosekuzzjoni ghajr ghall affidavit anness mat-tahrika tal-kawza orginali l-Qorti fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2024 l-Qorti differiet il-kawza ghat-18 ta' Gunju, 2024 ghall-ahhar darba.

Rat li fis-seduta tal-18 ta' Gunju, 2024 l-Qorti wara diversi twissijiet mill-Qorti qed tiddikjara l-provi tal-posekuzzjoni maghluqa. Dr Abela ghal parte civile ghal Alexander Polidano fil-waqt li umilment jissottometti li dak iddikjarat minn din l-Onor Qorti ossia li l-Pr tosekuzzjoni naqset milli tkun prezenti ghan-numru ta' seduti umilment jissottometti illi l-parte civile dejjem kienet prezenti ghas-seduti u kif dejjem lest sabiex jaghti x-xhieda tieghu. Ghaldaqstant hija l-umli fehma tieghu illi din il-Qorti ghandha tikkoncedielu cans li jressaq il-provi tieghu. Il-Qorti tichad it-talba stante li tat diversi canses biex jitressqu l-provi.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2024 wara li l-imputata iddikjarat li mhux ser tixhed il-kawza giet differita' ghas-sentenza;

Rat l-Art. 21 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta u l-art. 325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Affidavit ta' PS 267 A.J. Cassar datat 28 ta' Lulju, 2019 ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Tiddikjara li fit-8 ta' Marzu gie jirrapporta gewwa l-Ghassa tal-Hamrun certu Alex Polidano li aktar kmieni dakkinhar stess kien inhariglu digriet mill-Qorti sabiex ikun jista' jiehu z-zewgt ittfal tieghu minuri ghal btala gewwa Franza. Huwa kien talab l-passaporti tal-minuri lil ommhom Kristina Polidano Agius. Meta kellu l-passpaporti f' idejg waqghet il-karta fejn kien hemm ir-ritratt. L-imputata giet mitkellma l-ghassa tal-Hamrun fil-25 ta' Marzu 2019 fejn stqarret li hi kienet qatghet il-passaporti fejn hemm ritratt tat-tfal hi u giet infurmata li ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat

Illi f' dawn il-proceduri li l-ewwel seduta taghha kienet fl-24 ta' Settembru, 2019 ma ngiebet ebda' prova sabiex tigi provata l-akkuzi dedotti kontra l-imputata Kristina Polidano Agius.

Irid jigi rimarkat li fis-seduti tal-24 ta' Settembru, 2019, 8 ta' Jannar, 2020 l-kawza giet differita' fuq talba tal-parte civile sabiex jirregola ruhu dwar l-akkuzi, fis-seduta tal-2 ta' Frar, 2021 l-prosekuzzjoni talbet li l-imputazzjoni kif formolata tigi sostitwita, fis-seduti tal-6 ta' Gunju, 2023 deher biss l-ufficjal prosekutur, fis-seduta tal-29 ta' Novembru 2023 ma deher hadd, fis-seduti tal-21 ta' Frar, 2024 u 18 ta' Gunju, 2024 il-prosekuzzjoni ma dehrux.

Illi ghas-sejbien ta' htija dina l-Qorti ma tistax tistrieh sempliciment fuq affidavit tal-pulizija li hadet ir-rapport li ma gie bl-ebda' mod ikkollaborat b' ebda' prova.

**Decide**

Ghaldawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-art. Art. 21 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta u l-art. 325(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata Kristina Polidano Agius mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha stante nuqqas ta' provi u tilliberha minn kull htija u piena.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**